MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2015

Numru 575/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Zahra)**
**(Spettur Paula Ciantar)**

**Vs**

**Gina Panteleeva**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Gina Panteleeva ta' tnejn u erbghin (42) sena bint Nacho u Fdokja neè Staneva, imwielda Sliven il-Bulgarija fit-23 ta' Dicembru 1976 u residenti Lyaskovets, il-Bulgarija, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' Bulgara bin-Numru 7312231571 u Dokument Numru 643831385, talli nhar is-16 ta' Lulju 2015 ghall-habta tal-11:00a.m. minn Triq Bormla, Paola, ikkommettiet serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal hames mija disgha u disghin Euro (€599), ghad-detriment ta' persuna anzjana u cioe' Irene Treeby, detentrici tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 461927(M), liema serq huwa aggravata bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bi ksur ta' l-Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-kaz, inkluz id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, senjatament il-kunsens tal-Avukat Generali bil-lingwa Ingliza Dok. "A1" u bil-lingwa Maltija Dok. "A2", fotokopja tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputata Dok. "B", il-fedina penali tal-imputata Dok. "C", stqarrija rilaxxata mill-imputata Dok. "D" u rapport tal-Pulizija dwar l-incident meritu ta' dan il-kaz Dok. "E";

Semghet lill-imputata tammetti ghall-akkuza migjuba kontra taghha u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputata bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u ikkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tigi akkuzata talli fis-16 ta' Lulju 2015 ghall-habta tal-11:00a.m. minn Triq Bormla, Paola, ikkommettiet serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal hames mija disgha u disghin Euro (€599), ghad-detriment ta' persuna anzjana u cioe' Irene Treeby, detentrici tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 461927(M), liema serq huwa aggravata bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bi ksur ta' l-Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imputata ammettiet ghall-akkuza hekk migjuba fil-konfront taghha.

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputata ghall-akkuza migjuba kontra taghha, il-Qorti issibha hatja ta' tali akkuza.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet konjizzjoni tan-natura tar-reat u partikolarment tal-fatt li sehh fuq persuna anzjana, izda hadet konsiderazzjoni tal-fatt ukoll li l-imputata ghandha fedina penali netta u li rregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a) u 257D(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuza migjuba fil-konfront taghha, tikkundannaha ghal perijodu ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------